MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 3141/1996/1

**Emanuel mart Paul Grima u l-istess Paul Grima ghal kull interess li jista' jkollu**

***versus***

***Josephine armla minn Paul Aguis, u Anton Aguis, John Aguis u Sebastiana mart Louis Carabott***

Din il-kawża hija dwar il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn George Aguis, li miet fl-4 ta' Gunju 1994, u l-attriċi, armla tiegħu, u l-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt ta' l-istess George Aguis.

Fis-seduta tat-22 t'April 2004 il-partijiet qablu dwar kif għandu jsir il-qsim u talbu illi tingħata din is-sentenza.

Il-qorti għalhekk, wara li rat il-verbal tas-seduta tat-22 t'April 2004, hekk taqta' din il-kawża:

1. Tordna illi l-konvenuti jieħdu:

(i) L-oġġetti elenkati fid-dokument JA1, *fol.* 311, ħlief għall-*items* bin-numri (3), sittax (16) u għoxrin (20);
(ii) Is-sehem mhux maqsum tal-fond mija u disgħa u erbgħin (149) Triq it-Teatru, il-Belt Valletta; u
(iii) Tnax-il elf lira (Lm12,000);
2. Tordna illi l-attriċi Emanuela Grima tieħu l-beni kollha li kellu George Aguis, mobbli u immobli, ħlief dawk imsemmija fil-para. 1 (i), (ii) u (iii), *supra*;
3. Tordna li l-atturi jħallsu nofs l-ispejjeż tal-kawża u l-konvenuti jħallsu n-nofs l-ieħor; u
4. Tghid illi l-partijiet ma fadlilhom ebda pretensjoni kontra xulxin dwar il-meritu tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------